**Minuti tat-359 laqgħa tal-Kunsill li saret nhar**
**Il-Ħamis, 27 ta' Awwissu, 2009**

Il-laqgħa bdiet fis-6.25 ta' filgħaxija b'talba. Is-Sindku s-Sur Domenic Agius ippresieda l-laqgħa.

Item 1 – Attendenza u Apoloġiji

Preżenti kienu s-Sindku s-Sur Domenic Agius, il-Viċi-Sindku s-Sur John Pace, u l-Kunsillieri s-Sur Joseph Buttigieg, is-Sur Mark Grech, is-Sur Joseph Bonnici, is-Sur Keith Pisani, is-Sur Robert Buhagiar, is-Sur Frans Catania u s-Sinjura Anna Calleja.

Item 2 – Approvazzjoni tal-Minuti

Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Buttigieg, il-Kunsill approva unanimament il-minuti tal-358 laqgħa.

Item 3 – Mistoqsijiet u Affarijiet Oħra tal-Minuti

Is-Sur Catania reġa' staqsa dwar il-ħaddiema li kellhom jiġu assenjati mal-Kunsill taħt il-*Community Work Scheme*. Is-Sindku qal li kien ġie nfurmat illi il-ħaddiema se jiġu assenjati mal-Kunsill fi żmien tlett ġimgħat.

Is-Sur Catania reġa' semma l-ħtieġa li l-Kunsill jagħmel laqgħa mal-gwardjani lokali biex fost affarijiet oħra tiġi diskussa il-ħtieġa li tiġi nfurzata il-liġi dwar il-*litter act*.

Is-Sur Buttigieg staqsa dwar l-esitu tal-laqgħa li saret mill-Awtorita' ta' Malta Dwar l-Ambjent u l-Ippjanar dwar l-applikazzjoni biex isir *passenger lift* fiċ-Ċentru Ċiviku. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li jinsab infurmat li din l-applikazzjoni kienet ġiet approvata.

Is-Sur Buttigieg staqsa jekk il-Kunsill kienx kiteb lill-uffiċjal tal-Awtorita' Dwar it-Trasport ta' Malta l-Perit David Vassallo dwar l-art maz-*zebra crossing* fi Triq tal-Labour. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb fl-affermativ.

Is-Sinjura Calleja staqsiet dwar il-bozza li tinħtieġ issir fi Triq l-Iskola ma' Triq il-Qalb l-Imqaddsa. Is-Sindku ssuġerixxa li ssir spezzjoni fuq il-post biex jiġi stabbilit jekk hemmx bizzejjed distanza bejn bozza u oħra.

Is-Sur Pace reġa tkellem dwar il-ħnejja fi Sqaq San Mikiel peress illi din ilha s-snin li nqalgħet u reġgħet ma twaħħlietx. Dwar ir-rampi li hemm fi Triq Bormla s-Sur Pace qal li jinħtieġ jittieħdu passi biex dawn ir-rampi jitneħħew. Is-Sindku qal li l-kuntrattur li neħħa l-ħnejja minn Sqaq San Mikiel għandu l-permessi biex ikompli jagħmel ix-xogħol strutturali f'dan l-isqaq.

<u>Item 4 – Minuti tas-Sotto Kumitati</u>

Inqraw il-minuti tas-Sotto Kumitat tal-Anzjani. Dawn ġew approvati unanimament mill-Kunsill fuq proposta tas-Sur Pisani li ġew issekondati mis-Sur Bonnici.

<u>Item 4 – Korrispondenza</u>

Inqrat korrispondenza mibgħuta mir-residenti ta' Triq Leli Tabone dwar id-deċizjoni li ħa l-Bord tal-Apell tal-MEPA dwar permess biex garaxx għall-użu domestiku jinbidel f'wieħed kummerċjali. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Bonnici, l-Kunsill qabel unanimament li l-Kunsill joġġezzjona għad-deċizjoni li ħa l-Bord u dan peress illi l-Kunsill kien diġa ressaq l-oġġezzjonijiet tiegħu għall-applikazzjoni oriġinali li kienet saret.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-Avukat John Bonello għan-nom tas-Sur George Attard biex jiġu organizzati tiġrijiet taz-zwiemel fi Triq Wied il-Għajn nhar il-Ħadd, 6 ta' Settembru 2009. Is-Sindku ppropona li l-Kunsill joġġezzjona li jsiru t-tlielaq taz-zwiemel f'Ħaż-Żabbar u jekk dawn jitħallew ir-residenti jiġu nfurmati li l-Kunsill kien oġġezzjona. Is-Sur Buttigieg issekonda l-proposta tas-Sindku u l-Kunsill qabel unanimament.

Fis-7.00 ta' filgħaxija s-Sur Buhagiar talab li jkun skużat.

Dwar l-attivita' illi ser issir bejn il-Kunsill Lokali u ċ-Ċentru Sant'Andrija, il-Kunsill, fuq proposta tal-Viċi Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Catania, qabel unanimament illi l-parteċipanti zgħazagħ jingħataw tifkira għall-parteċipazzjoni tagħhom f'din l-attivita'.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-Grupp Armar dwar talba biex titqiegħed xbieha tal-Madonna tal-Grazzja fil-bieb tal-Mina ta' Hompesch. Is-Sur Bonnici ppropona li l-Kunsill ma joggezzjonax li ssir din ix-xbieha sakemm il-Grupp Armar ikollhom il-permessi neċessarji mill-Awtorita' konċernati. Is-Sur Grech issekonda l-proposta tas-Sur Bonnici u l-Kunsill qabel unanimament.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mis-Soċjeta' Filarmonika Maria Mater Gratiae dwar talba biex iħaffru 16-il toqba għall-arbli għall-armar tal-festa fi Triq tal-Labour mill-kantuniera ta' Triq il-Vittorja sa Triq il-Kunsill tal-Ewropa. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Bonnici l-Kunsill qabel unanimament li peress li din it-triq hija arterjali, t-talba trid isir lill-Awtorita' Dwar it-Traspost ta' Malta.

Inqara invit mibgħut lill-Kunsill mill-Grupp Armar Żabbar għat-tberiek tal-ewwel ġebla tal-maħzen il-ġdid u riceviment tal-festa li ser isiru nhar it-Tnejn, 31 ta' Awwissu, 2009 fit-8.00 ta' filgħaxija fis-Sala Notre Dame.

Inqara invit mibgħut mill-Kunsill Ċiviku Żabbar għal Lejla Kulturali fl-okkazzjoni ta' Jum Hompesch li ser issir nhar it-Tlieta, l-1 ta' Settembru 2009 fis-7.30 ta' filgħaxija fis-sala 'Ir-Ragħaj it-Tajjeb' f'Pjażża Medjatriċi.

Inqara invit mibgħut lill-Kunsill mill-Għaqda Madonna tal-Grazzja Banda San Mikiel għall-Kunċert Vokali u Strumentali fl-okkażjoni tal-Festa tal-Madonna tal-Grazzja 2009 li ser isir f'Misraħ is-Sliem, nhar it-Tnejn, 7 ta' Settembru 2009 fid-9.00 ta' filgħaxija.

Inqara invit mibgħut lill-Kunsill mill-Kumitat Sezzjonali tal-Partit Nazzjonalista ta' Ħaż-Żabbar għal riċeviment li ser issir nhar il-Ħamis, 10 ta' Settembru, 2009 fis-7.30 ta' filgħaxija fil-Kazin tal-Partit.

Item 5 – Xogħol tal-Kunsill

Approvazzjoni ta' Finanzi

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill is-*schedule of payments* għall-perjodu ta' bejn is-6 ta' Awwissu, 2009 u s-27 ta' Awwissu, 2009 li kien jammonta għal €29,538.90. Dan ġie approvat unanimament fuq proposta tas-Sur Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sur Bonnici.

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq quddiem il-Kunsill mozzjoni mressqa mis-Sindku u ssekondata mil-Viċi Sindku biex il-Kunsill jitrasferixxi l-ammont ta' €50,000 mill-kont 7500 Proġetti Speċjali għall-kont 2300 Tiswijiet u Manutenzjoni kif ukoll l-ammont ta' €5,000 mill-kont 2800 Safar u Vvjaġġar għall-kont 3100 Servizzi Professjonali.

Din il-mozzjoni ta' trasferiment u emenda għall-estimi annwali 2009-2010 qed issir peress illi l-Kunsill kien kostrett iżid in-nefqa tiegħu fuq Tiswijiet u Manutenzjoni kif ukoll Servizzi Professjonali fl-ewwel xhur tas-sena finanzjarja. Il-Kunsill approva unanimament din il-mozzjoni.

Is-Sur Catania talab li l-Kunsill jingħata lista tax-xogħol ta' *patching* li sar fit-toroq ta' Ħaż-Żabbar matul ix-xhur Jannar – Lulju 2009.

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-kuntratt li l-Kunsill għandu għas-servizz ta' *Works Manager* (ZLC 3/2007) ser jiskadi fl-1 ta' Novembru 2009 u l-Kunsill irid jiddeċiedi jekk iġedditx dan il-kuntratt li wkoll jista' jiġi mġedded għal sena oħra. Fuq proposta tas-Sindku li giet issekondata mil-Viċi Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li dan il-kuntratt jiġi mġedded għal sena addizzjonali taħt l-istess rati u kundizzjonijiet.

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-kuntratt li l-Kunsill għandu għas-servizz ta' uffiċjal inkarigat mil-Librerija (ZLC 4/2007) ser jiskadi il-26 ta' Settembru 2009 u l-

Kunsill irid jiddeċiedi jekk iġedditx dan il-kuntratt għal sena oħra jew jekk għandhiex tinħareġ sejħa ġdida għall-offerti. Fuq proposta tas-Sur Grech li giet issekondata mis-Sinjura Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li dan il-kuntratt jiġi mġedded għal sena addizzjonali taħt l-istess rati u kundizzjonijiet.

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-kuntratt li l-Kunsill għandu għas-servizz ta' ġbir ta' skart goff (ZLC 5/2007) ser jiskadi fit-8 ta' Ottubru 2009 u l-Kunsill irid jiddeċiedi jekk iġedditx dan il-kuntratt għal sena oħra jew jekk għandhiex tinħareġ sejħa ġdida għall-offerti. Fuq proposta tas-Sur Bonnici li giet issekondata mis-Sur Catania, il-Kunsill qabel unanimament li dan il-kuntratt jiġi mġedded għal sena addizzjonali taħt l-istess rati u kundizzjonijiet.

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-kuntratt ta' tindif ta' toroq mhux urbani (ZLC 4/2008) kien se jagħlaq u l-Kunsill irid jiddeċiedi jekk iġedditx dan il-kuntratt għal sena oħra jew jekk għandhiex tinħareġ sejħa ġdida għall-offerti. Fuq proposta tas-Sur Pisani li ġiet issekondata mis-Sur Bonnici, il-Kunsill qabel unanimament li dan il-kuntratt jiġi mġedded għal sena addizzjonali taħt l-istess rati u kundizzjonijiet.

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-kuntratt għall-istampar tal-fuljett Citta' Hompesch (ZLC 5/2008) kien se jagħlaq fl-20 ta' Novembru 2009 u l-Kunsill irid jiddeċiedi jekk iġedditx dan il-kuntratt għal sena oħra. Fuq proposta tal-Viċi Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Buttigieg il-Kunsill qabel unanimament li dan il-kuntratt jiġi mġedded għal sena addizzjonali taħt l-istess rati u kundizzjonijiet.

Is-Sindku ppropona li flimkien miegħu l-kunsillieri John J Pace, Robert Buhagiar, Keith Pisani u s-Segretarju Eżekuttiv jiffurmaw il-Bord Editorali tal-pubblikazzjoni Citta' Hompesch. Is-Sur Bonnici ssekonda l-proposta tas-Sindku u l-Kunsill qabel unanimament.

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq korrispondenza dwar talba għal *reduced hours* li saret mill-impjegata tal-Kunsill is-Sinjura Isabella Testaferrata de Noto. Il-Kunsill, fuq proposta tal-Viċi Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjura Calleja, qabel unanimament li t-talba tal-impjegata biex taħdem ħinijiet mnaqqsa tiġi aċċettata.

Is-Sur Catania ppropona lill-Kunsill lista ta' persuni biex jiffurmaw parti mis-Sotto Kumitat għall-Ambjent. Dawn il-persuni huma Perit George Buhagiar, Franz Zahra, Mario Azzopardi, Silvio Pavia, Peter Caruana u Brian Farrugia. Is-Sur Bonnici ssekonda l-proposta tas-Sur Catania u l-Kunsill qabel unanimament.

Is-Sur Bonnici ppropona lill-Kunsill lista ta' persuni biex jiffurmaw parti mis-Sotto Kumitat għal-Skambji, Ġemellaġġi u Indafa Pubblika. Dawn il-persuni huma Suzanne Farrugia, Ann Marie Schembri, Simon Schembri, Franz Zahra, Joe Agius, Paul Cassar, Juan Debono u Joe Pace. Is-Sur Pisani ssekonda l-proposta tas-Sur Bonnici u l-Kunsill qabel unanimament.

Is-Sur Grech ippropona lill-Kunsill li dawn il-membri jiffurmaw is-Sotto Kumitat għall-Immaniġġjar tat-Traffiku u Trasport Pubbliku - Mario Darmanin, Michael Camilleri u Manuel Schembri. Is-Sur Catania ssekonda l-proposta tas-Sur Grech u l-Kunsill qabel unanimament.

Item 6 – Affarijiet Oħra

Is-Sur Catania semma l-bżonn li titnaddaf Pjazza San Nikola. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-Kunsill kien kiteb lid-Dipartiment tas-Sanita dwar il-ħtieġa li titnaddaf din il-pjazza li parti sostanzjali minnha hija proprjeta' privata. Fuq proposta tas-Sur Catania li ġiet issekondata mis-Sinjura Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li jikteb mil-ġdid lid-Dipartiment tas-Sanita kif ukoll lill-MEPA dwar dan l-ilment.

Is-Sur Catania staqsa dwar meta kien se jitkompla x-xogħol ta' *resurfacing* fi Triq iċ-Ċulqana. Is-Sindku wieġeb li x-xogħol kien ser jitkompla fil-ġranet li ġejjin.

Is-Sur Catania semma l-bżonn li titnaddaf għalqa li hemm fi Triq Kunsill tal-Ewropa bħala parti mill-kampanja ta' tindif li qed tiġi mnedija mill-Gvern Ċentrali għall-Kunsilli Lokali. Is-Sur Bonnici ssekonda l-proposta tas-Sur Catania u l-Kunsill qabel unanimament.

Is-Sinjura Calleja semmiet il-bżonn li titnaddaf plot vojta li hemm fi Triq il-Kapuċċini ma' Triq ix-Xgħajra minħabba li kien qed jintrema ħafna skart. Is-Sindku ppropona li l-Kunsill jitlob għad-devoluzzjoni ta' din l-art biex jinbena garaxx għall-użu tal-Kunsill. Is-Sur Bonnici ssekonda l-proposta tas-Sindku u l-Kunsill qabel unanimament.

Is-Sur Bonnici semma l-ħtieġa li jiġu rranġati l-bankini fi Triq Mina ta' Hompesch.

Is-Sur Bonnici reġa' semma l-bżonn li parti minn Triq iċ-Ċimiterju issir *one-way* u l-vetturi jidħlu minn Triq il-Misqa biex joħorġu għal Triq Wied il-Għajn. Is-Sur Catania qal li Triq il-Misqa m'hix f'kundizzjoni tajba u wieħed irid jevita li jgħaddi l-vetturi minnha.

Is-Sur Bonnici ressaq talba li saritlu minn residenti li joqgħodu fi Triq il-Qaqoċċ biex it-triq issir *one-way* jew li ssir *sleeping policemen* fi triq. Is-Sur Bonnici talab lill-Kunsill biex niktbu lir-residenti. Fuq proposta tas-Sur Grech li ġiet issekondata mis-Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li din il-proposta għandha l-ewwel tiġi diskussa mis-Sotto Kumitat responsabbli mis-sistema tat-traffiku f'Ħaż-Żabbar u wara tittieħed deċizjoni finali mill-Kunsill.

Is-Sur Pace ppropona li l-Kunsill jorganizza attivita'għaż-Żabbarin bi bżonnijiet speċjali. Is-Sur Pisani ssekonda l-proposta tal-Viċi Sindku u l-Kunsill qabel unanimament li jagħmel din l-attivita'.

Is-Sur Pace informa lill-Kunsill li nhar is-Sibt, 29 ta' Awwissu 2009 kienet ser issir attivita' imtella' mill-Kunsill fil-kumpless Baystreet.

Is-Sindku semma l-permessi għat-tqegħid ta' kjosks, posti, mwejjed u siġġijiet fil-ġranet tal-festa u ppropona li jinġiebu skips kif ġie ssuġġerit mis-Supretendent tad-Distrett. Is-Sur Bonnici ssekonda lis-Sindku u l-Kunsill qabel unanimament.

Is-Sur Buttigieg reġa' semma l-ħtieġa li palma li hemm fuq iz-zuntier tal-knisja fi Triq is-Santwarju titneħħa.

Huwa qal ukoll li r-rampa ta' mat-taraġ li hemm quddiem il-Bank of Valletta fi Triq is-Santwarju kienet qed tizgombra l-bankina għall-pubbliku.

Il-laqgħa spiċċat fis-8.35 ta' filgħaxija.

Duncan Busuttil
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fit-360 laqgħa li saret nhar l-Erbgħa, 23 ta' Settembru 2009.

Domenic Agius
Sindku